# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs**

**Adrian Baldacchino**

**Kawza tad-Distrett tal-Imsida**

**Illum, 29 ta' Novembru, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Adrian Baldacchino iben Paul u Georgina xebba Caruana, imwieled Pieta nhar l-ghoxrin ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u erbgha u sebghin (20/06/1974) residenti 3A, Flat 3, Triq d' Argens Msida akkuzat talli fil-26/03/2021 ghal habta ta' bejn 09:30 hrs u 09:45 hrs, gewwa Triq Qrajten, Pieta'.

1) B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, minhabba f' hekk Heather Xena Farrugia baghtiet offiza ta' natura hafifa salv

kumplikazzjonijiet fuq il-persuna taghha, hekk kif certifikat minn Dr. Ryan Falzon reg. no. 4320 mill-Floriana Health Centre;

2) U aktar talli meta kellek xi kelb taht il-kontroll tieghek hallejt lil dan il-kelb jiggerra u meta dan il-kelb ittiehed f' xi triq ma kienx mizmum b' cinga;
3) U aktar talli bhala sid jew detentur ta' klieb li kien ta' perikolu ghan-nies, inqast li zzomm il-kelb taht kontroll.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Heather Farrugia li ezebiet sett ta' ritratti Dok. HF 1 sa HF 10 fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2023; ta' Christopher Pullicino fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2023; ta' Christine Xuereb fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2023; ta' Saviour Farrugia fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2023; ta' Mary Rose Bonnici fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2023; ta' George Farrugia fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2023.

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2023 il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi u d-difiza iddikjarat li ma ghadhiex provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-artikoli 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 2, artikolu 3, L-artikolu 14 tal-Kap. 312 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3(1) tal-S.L. 312.01, artikolu 7 tal-S.L.312.01.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunisdrat

Il-kaz sehh fil-26 ta' Marzu, 2021 ghal habta ta' 9:30 am gewwa Triq Qrajten, Pieta' meta kelb attakka lil parte civile Heather Xena Farrugia u ikkagunala griehi certifikati li huma ta' natura hafifa. Id-difiza tal-imputat, li ghazel li ma jixhiedx f' dawn il-proceduri, hija li ma hemmx prova li l-kelb kien propjeta' tal-imputat.

Ikkunsidrat

Fil-qosor il-provi tal-prosekuzzjoni huma s-segwenti

**PS 2256 L. Sant** xehed bil-procedura tal-affidavit. Jixhed li nhar is-26 ta' Marzu, 2021 ghal habta ta' 09:30 hrs l-Ghassa tal-Pulizija, Msida giet infurmata li fi Triq il-Qrejten, Pieta', kien hemm tfajla li kienet ghada kemm giet attakata minn kelb. Ix-xhud flimkien ma PC 149 marru fuq il-post u irrizulta li l-vittma kienet certa Heather Xena Farrugia. Minhabba l-griehi li garbet f' idejha x-xellugija u x-xokk li kellha fuqha Heather giet offruta mill-Pulizija sabiex tigi mwassla gewwa l-klinika tal Furjana ghal medikazzjoni li kellha bzonn izda hija nfurmathom li kien se jehoda xi hadd.

Fuq il-post gie mitkellem ukoll is-sid il-kelb certu Adrian Baldacchino. Minn naha tieghu Baldacchino stqarr li sakemm fetah ix-xatba tal-kelb, dan harablu u s-sinjura Heather kienet ghadha kemm waslet hdejh il-garage bix-xirja tieghu minhabba li hija mpjegata u tahdem gewwa l-hanut "Dolce Mondo" li jinstab ftit metri l' isfel mil garaxx.

Heather giet certifikata minn Dr Ryan Falzon (reg. no. 4320) tal-Klinika tal-Furjana li soffriet minn griehi hfief minghajr kumpliazzjonijiet immedjati.

Ix-xhud jiddikjara li din mhux l-ewwel rapport li kellha l-Pulizija in konnessjoni mal-klieb ta' Adrian Baldacchino fejn qabel kellu tnejn u kien nehha wiehed minnhom waqt li zamm l-iehor fil-garaxx gewwa Triq Qrejten.

Minhabba f' hekk kellhom jigu infurmati id-Dipartiment tal-animal welfare anke' ghaliex wahda mix-xhieda Christine Xuereb uriet rabbja kbira minhabba dan il-kelb u l-biza li qeghedin ihossu.

Tkellem ma Dr Luke Vella Vercin fil-kapacita' tieghu bhala l-persuna inkarigata mid-Dipartiment tal-Annimal Welfare u nfurmah bl-akkadut li kien gara u anke dak tal-passat fejn ha decizjoni li l-kelb jigi konfiskat lis-sid Adrian Baldacchino.

Il-kelb gie konfiskat minn Saviour Farrugia (animal welfare) fil-prezenza tieghu PS 2256, PC 149 u anke's-sid Adrian Baldacchino. Gew iffirmati l-karti kollha necessarji minn naha tad-Dipartiment fejn kopja inghatat lis-sid il-kelb.

**Tabib Ryan Falzon** xehed bil-procedura tal-affidavit datat 31 ta' Mejju, 2021. Jiddikjara li certifikat ezebit kien mahrug minnu fis-sitta u ghoxrin ta' Marzu, 2021 fil-10:15 meta kien ezamina lil Heather Xena Farrugia, fic-centru tas-sahha tal-Floriana. Illi l-kontenut tac-certifikat/huwa kif gej

1. Qasma ta' madwar zewg centimetri fuq in-naha t' isfel tal-muskolu tal-ispalla.

2. Briex fuq iz-zona tal-muskolu tal-ispalla.
3. Briex fuq in-naha tax-xellug tal-gwejnah tal-ispalla.

**Christopher Pullicino** xehed fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2023. Ix-xhud huwa l-partner tal-*parte lesa,* Heather Farrugia. Jikkonferma li hu ha r-rittratti li jinstabu ezebiti u mmarkati minn Dok HF 1 sa HF 10. Ir-ritratti hadhom wara li mill-isptar nehhewla il-faxxex. Kien ircieva telefonata mill-imghalma taghha li lil **parte lesa** gidimha kelb u wassalha l-polyclinic tal-Floriana. Id-data kienet is-26 ta' Marzu, 2021 u kienu cemplulu xi 10:15 am.

**Christine Xuereb** xehdet fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2023. Ix-xhud hija l-imghalma tal-*parte lesa* Heather Farrugia. Tixhed li l-incident sehh fis-26 ta' Marzu, 2021 ghal habta tal-9:30 am gewwa Qrejten Street, Pieta. Dak in-nhar Heather Farrugia qaltilha li hi u gejja lejn il-hanut waqqafha l-imputat u qalilha li jrid il-birra. L-imputat ghaandu graraxx iktar il-fuq mill-hanut. Taghraf lil imputat fl-awla. Tixhed

"Avu: Issa qaltlek li ried xi haga?

Xhud: Ehe ahna li naghmlu tghidli isma ghandi deliery ghandi xi xirja giet preparajna il-kont ghamilnilha il-birra fil-borza bit-total bil-bqija gol-borza u rutina tas-soltu nohdulu fejn il-bieb bhal meta tghid door step hekk fejn il-bieb u taghmilulu hemm dik ir-rutina taghna tas-soltu jiena forsi ghaddew dik il-minuta l-iktar sakemm imxiet minn ghandna sal x`jismu f`daqqa wahda nibda nisma ghajjat u twerzieq mhux normali ta` biki biza` u hekk u jiena hrigt nigri barra hallejt il-hanut dak il-hin bin-nies tlaqt nigri u nsibha lil Heather taghjjat u twerzaq u kelb imrikkeb hekk fuqha ezatt fejn il-garaxx kien hemm vann."

Ix-xhud tixhed li Il-garage kien tal-imputat. Mistoqsija x' tip ta' kelb kien tirrispondi li l-kelb kien kbir u li kienet ilha tarah dan il-kelb.

Waqt l-akkadut il-kelb beda jsabbat lil vittma mal-vann mal-intrata mal-bieb tan-next door. Sa fra tant kien hemm ragel li ghandu l-garage hdejn l-imputat jismu

George li dahal fil-garage tieghu u  u gab umbrella u beda jipprova iharrab jillusinja il-kelb minn ma sidirha u minn ma wiccha  u irnexxielu ihollu. Tixhed li mbaghad gie l-imutat u ha l-kelb u l-Heather haduha l-hanut.

Heather kienet feruta, bil-flokk imqatta' bil-gdim u dmija. Gew il-pulizija u ghamlu ir-rapport taghhom dak li gara dak il-hin tal-incident."

Ftit wara l-imputat dahal fil-hanut u qalilha biex jirriangaw u qaltlu li issa ser jidhlu l-pulizija ghaliex dak il-hin il-concern taghha kien li l-impjegata kellha accident fuq il-post tax-xoghol u l-ewwel prijorita' kienet s-sahha taghha. Ftit wara waslu l-pulziija.

Mistoqsija in kontro-ezami dwar il-bieb tal-garage fejn kien ikun bilqegheda l-imputat tirrispondi li l-bieb tal-garage huwa roler shutter u l-bieb ikun miftuh berah.  Mistoqsija jekk il-garage ghandux bieb iehor tirrispondi li ma tafx u li l-fetha hija l-wisgha tal-garaxx. Taqbel li l-imputat  ikun bilqegheda mal-bieb.

Mistoqsija fuq il-klien gieli rahthomx tirrispondi

Avu: Il-klieb ejja nitkllmu fuq il-kelb imma jew il-klieb gieli rajthom inti gewwa?

Xhud: Gieli kienu gewwa gieli kienu fuq il-katina fejn is-siggu tieghu jiena filfatt gieli anka bil-kelma t-tajba gieli gbidtlu l-attenzzjoni nghidlu isma isma minni dahhalhom naqra il-gewwa ghax ikun hemm xi hadd jibza x`hin tkun miexja fuq il-bankina johrog il-kelb jaqtak.

Mistoqsija in kontro-ezami jekk avzatiex lil parte lesa dwar il-klieb tirrispondi li hi dejjem tenfasizza biex ma tidholx fil-garage imma tpoggi l-affarijiet fil-bieb. Il-bankina hija pubblika.

Mistoqsija fejn ikun bilqehda Adrian tirrispondi li s-siggu li jpoggi fuqu "ikun fuq l-ewwel step il-gewwa mil-bieb."

**Saviour Farrugia**, Animal Welfare Officer, xehed fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2023. Dak in-nhar tal-incident ircevew telefonata fil- 11:50 mill-ghassa tal-Imsida fejn riedu l-assitenza ghax kien hemm kelb li gidem lil xi hadd. Waslu fil-1:05 pm fuq il-post, sabu lis-sid u qalulu biex jiccekjaw il-kelb – li kien German Shepard. Is-sid kien jismu Adrian, kunjomu ma jiftakarx imma qed jaghrfu fl-awla. Fuq jekk il-kelb giex iccekjat ghal microchip jirrispondi.

> "Xhud: Kellimt lis-sid u kellna l-assistenza tal-pulizija maghna biex il-kelb niccekkjah habba l-microchip issa l-kelb kien aggresiv u ma halliniex il-kelb kien agressiv ma stajtx niccekkjalu il-microchip ma halliniex kien agressiv il-kelb ippruvajna nikkomunikaw mas-sid u s-sid prova liizomm il-kelb biss il-kelb tant tnerves li anka ghalih beda jdur tajjeb jiena cempilt lil ta` fuqi."

Ix-xhud kellem lis-superjur tieghu u qallu biex jghabbu l-kelb u jiehduh l-isptar. Il-kelb kien kien aggressiv hafna u avza ukoll lil istaff tal-APH li kien aggressiv. Meta wasal Ta' Qali gie infurmat li kienet harget ordni li l-kelb jitraqqad. Il-kelb fil-fatt traqqad, huwa ma kienx involut f' din id-decizjoni. In kontro-ezami jirrispondi li dak iz-zmien il-persuna ta' fuqu kien Dr. Luke Vella Verzin.

Mistoqsi jekk identifikax jekk il-kelb ghandux cippa jirrispondi

> "Xhud: Le le le ma halliniex il-kelb tant kien agressiv qed nghidlek li umbaghad il-kelb tnerves li anka lil sidu stess beda jdur ghalih."

**Maryrose Bonnici,** xehedet fis-seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2023. Fil-perijodu in ezami kienet tahdem l-Animal Welfare, mal-ambulanza. Dak in-nhar tal-akkadut kienet xoghol fuq l-ambulanza flimkien ma Saviour Farrugia.

Tixhed li meta marru fuq il-post il-kelb kien aggressiv hafna – "li kif resaq lejn il-bieb ried jaqla il-grada".

Kien hemm ordni mis-superjuri taghhom, il-veterinarju, li l-kelb jitraqqad. Il-kelb ittiehed l-isptar tal-annimali gewwa gagga. Meta waslu l-isptar, il-kelb ma tnizzilx,

hargu tal-isptar u l-kelb traqqad gol-gagga mill-impjegati tal-isptar ghax kien ta' perikolu.

Mistoqsija in kontro-ezami dwar il-garage tirrispondi li meta waslu hemm il-garage kien miftuh u l-kelb kien maqful bi grada.

**George Farrugia,** xehed fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2023. Kien prezenti meta sehh l-incident. Kien fil-garaxx tieghu li hu ftit il-boghod minn dak tal-intimat. Fil-hin li sehh il-kaz kien sema' xi storbju, u kif ittawwal raha *"il-kelb imwahhal ma dahar di it-tifla*." It-tifla gharafha li hija Heather li jafha l-hanut. Il-kelb kien qisu tal-wolf. Il-kelb huwa ta' Baldacchino li qed jaghraf fl-awla. Fuq dak li raha jirrispondi

> "Xhud: Rajtu ha jaqbdilha darha u la naf kien bic-cinga u la naf kullar ipprova jigbdu biex ma jigdimiex is-sid jien qbadt l-umbrella u bdejt intih go nofs dahru.
>
> Qorti: Ghaliex bdejt ittih go nofs dahru x`kien qed jaghmel lil Heather?
>
> Xhud: Mahtuf fuq dahara qed jabdilha dahara.
>
> Qorti: Qed jigdimha biex niftehmu?
>
> Xhud: Nahseb jien mahtuf qed jigdimha."

Jghid li li wara li ta l-kelb bl-umbrella, hataf il-kelb u ma jafx x' gara. Wara mar fejn il-hanut u raha lil parti lesa bid- demm f`nofs dahrha.

Meta l-kelb hatafha Heather kienet Mal-bieb tal-garaxx ezatt. Meta jghid garaxx qed jirriferi ghal garage tal-imputat u kienet fuq barra.

In kontro-ezami jirrispondi li hu joqghod vicin tal-garage zewgt bibien. Jaqbel li fil-garage tal-imputat ikun hemm zewgt jew tlett minn nies jixorbu l-birra u gieli kien hemm hu ukoll.

Qed jghid li l-garage huwa ta' Adrian ghaliex qallu hu. Ma jiftakarx meta qallu. Hu jaraha lil imputat jaghmel uzu mill garaxx.

**Heather Farrugia,** il-parte lesa**,** xehdet fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2023. Tixhed li fil-26 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' 9:00 jew 9:30 am kienet marret taghmel delivery fil-hanut, Qrejten Street, Msida. Il-hanut jismu Dolce Mondo Grocery u Adrian, l-imputat li qed taghraf fl-awla, ghandu garaxx zewg passi il-fuq.

X' hin waslet lejn il-garage tieghu taha l-flus biex iggieblu zewgt iflixken birra u bhas-soltu marret il-hanut, ghamlet il-fliexken go borza flimkien mal-bqija bhas-soltu u marret tefghathomlu fil-garaxx. Fuq kif zvolga l-incident tixhed;

"Avu: Issa x`gara x`hin wasalt inti hemmekk?

Xhud: Jiena ghaddejt minn quddiemu tabi il-flus biex ingiblu zewgt ifliexken birra bhas-soltu mort il-hanut ghamilt il-fliexken go borza u l-bqija bhal ma naghmlu dejjem mort tfajthomlu fil-garaxx.

Avu: Mort hallejthomlu fejn il-bieb tal-garaxx Adrian fejn kien qieghed dak il-hin?

Xhud: Fejn il-bieb dejjem hemm ikun fejn il-bieb.

Avu: Issa inti qed tghid fejn il-bieb tal-garaxx liema naha il-bieb tal-garaxx in-naha ta` barra kont fu il-bankina jew dhalt gewwa?

Xhud: Le jien fuq il-bankina qatt ma dhalt gewwa.

Avu: Dejjem barra inti?

Xhud: Dejjem barra qadt.

Avu: X`gara hemmekk?

Xhud: Jien umbagahd smajt hoss minn naha ta` gewwa l-bieba tal-garaxx inhares il-gewwa u nara par sien hergin minn gol-garaxx tal-kelb u hareg il-barra ghall-fuqi tfajt rasi mal-van li kien hem ipparkjat quddiemu.

Avu: Spjega igifieri inti dort x`ghamilt?

Xhud: Jiena x`hin rajt is-snien hergin minn gol-garaxx u hareg ifferocjat dort nigri tfajt wicci mal-van li kien ipparkjat quddiemu u l-kelb hatafni hawnekk kollu idejja.

Avu: In-naha tax-xellug spalltek u jdejk n-naha tax-xellug,

Xhud: Iva."

Tikkonferma li l-persuna fir-ritratti ezebiti fl-atti hija hi. Fuq il-griehi garbet tixhed

2

Xhud: Il-gidma tal—kelb u f`wahda minnhom hemm in-nejba li dahlet f`idejja li ma setghawx jaghmlu punti ghax kienet gidnma ta kelb il-gidma kienet fonda hafna li kelli immur naghmel treatment il-Polyclinic."

Il-kelb inqala minn fuqha ghaliex hareg ragel, George, li ghandu l-garage hdejn tal-imputat u b' xi haga gibed il-kelb lura. Kienet imwerwra.

Wara hija marret il-hanut fejn kien hemm it-tabib tal-pharmacy li ghamlilha karta biex tmur il-polyclinic. L-imputat gie biex johodha privat u jirriangaw kollox bejniethom u l-imghalma qaltu li se tmur il-Polyclinic.

Mistoqsija ta' min hu l-garaxx minn fejn hareg il-kelb tirrispondi li hu tal-imputat. Mistoqsija jekk dan il-kelb rahtux drabi ohra tirrispondi

"Avu: Dal-kelb inti l-ewwel darba li rajtu jew rajtu xi drabi ohra?

Xhud: Le dal-kelb kemm il-darba kien johrog ghan-nies mhux l-ewwel darba li hareg fit-triq.

Qorti: Le le le mhux kemm il-darba hareg ghan-nies quddiemek hareg ghan-nies jew l-ewwel darba li rajtu?

Xhud: Gieli rajnieh fit-telgha nisimghu nies jaghjtu umbaghad imorru jigbruh il-kelb.

Avu: U taf ta min hu dal-kelb?

Xhud: Ta` Adrian."

Tikkonferma li c-certifikat mediku huwa taghha, il-Polyclinic tal-Floriana kienet hadet ukoll l-injections. Bhala medikazzjoni kellha tmur qisu kull jumejn Hal-Qormi biex innadfu in-nejba (il-gidma). Peress li l-gidma kienet fonda ma setghux jaghmlu punti. Kellha tmur xahrejn biex innadfuha u sakemm taghlaq u kollox u biex ma jkun hemm infections. Tilfet xi gimgha xoghol, u mbghad sick leave ghax ma setghatx tgholli hafna idejja.

In kontro-ezami tikkonferma li baqghet barra. Mistoqsija jekk kienx hemm persuni ohra fil-garage tirrispondi li ma tafx.  Hi qatt ma dahlet gewwa l-garaxx.

Mistoqsija jekk l-imputat ghandux klieb ohra tirrispondi li dak in-nhar rat dak il-kelb u li qatt ma dahlet.

Mistoqsija jekk gieli tarax aktar nies fil-garaxx tirrispondi li gieli ikun hemm ukoll xi hbieb tal-imputat imma ma tafhomx.

Ikkunsidrat

L-artikolu 2 ta-Att dwar il-Klieb, Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta' Malta jghid;

> "2.F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġ xxort'oħra –
>
> "detentur" tinkludi kull persuna li tkun inkarigata minn jew li normalment titma' jew tieħu ħsieb xi kelb."

L-artikoli 3 (2) tal-Kap. 312 jghid

> "3.(1) Ebda persuna ma tista' żżomm kelb tal-età ta' sitt xhurjew iżjed mingħajr liċenza maħruġa skont dan l-Att.
>
> (2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) kull persuna li fil-kustodja jew fil-pussess tagħha, jew li fid-dar jew fil-post tagħha, jinsab xi kelb bħal dak, titqies li tkun il-persuna li żżomm dak il-kelb,sakemm ma jiġix pruvat kuntrarju.
>
> (3) Il-prova li kelb ma jkollux iżjed minn sitt xhur tkun għall-persuna li żżomm il-kelb.

Mix-xhieda jirrizulta li l-garage jintuza mill-imputat. Jirrizulta ukoll li l-kelb li attakka lil *parte lesa* hareg mill-garage tal-imputat. Meta gew tal-animal welfare wara 13:00 hrs sabu lil-kelb kien fil-garaxx tal-imputat  maqful wara grada u ttiehed minn hemm. Il-kelb kien aggressiv.

Fix-xhieda taghha Christine Xuereb tikkonferma li gieli rat dan il-kelb u gieli ukoll gibdet l-attenzjoni tal-imputat fuqu.

Il-prezunzjoni skont il-ligi hija li persuna li ghandha li ghandha fil-kustodja taghha kelb fid-dar jew post taghha titqies li huwa dak il-persuna li zzomm il-kelb u ghalhekk ma hijiex mehtiega prova tal-microchip.

Il-Qorti qed tikkunsidra li l-imputat Adrian Baldacchino huwa d-detentur tal-kelb skont il-ligi u huwa responsabbli ghalieh skont il-ligi.

Ikkunsidrat

Fl-ewwel imputazzjoni, l-imputat gie mixli li b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, minhabba f' hekk Heather Xena Farrugia baghtiet offiza ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet fuq il-persuna taghha, hekk kif certifikat minn Dr. Ryan Falzon reg. no. 4320 mill-Floriana Health Centre.

Mill-provi jirrizulta li Heather Farrugia baghtiet offiza ta' natura hafifa hekk kif certifikat minn Dr. Ryan Falzon u li l-griehi soffreti mill-parte lesa gew ikkagunati mll-kelb li hareg mill-garage tal-imputat u attakka lil *parte lesa* li kienet quddiem il-bieb tal-garage fuq il-bankina u sabbatha ma vann. Il-griehi li garbet huma dokumentati kemm mic-certifikat mediku ezebit u ikkonfermat bil-gurament, mix-xhieda taghha stess u dawk okkulari u mir-ritratti ezebiti minnha.

L-imputat kellu responsabilta' li l-kelb tar-razza German Shepard, jinzamm taht kontroll u jzommu. Mhux talli l-kelb ma kienx liebes sarima talli ma kienx maqful u attakka lil *parte lesa* u kien biss bl-intervent ta' terz, George Farrugia, li l-kelb inzamm milli jkompli jattakka lil vittma.

Jirrizulta ipprovat li l-imputat kien traskurat u non kuranti fiz-zamma tal-kelb u hallieh johrog mill-bieb tal-garaxx li kien miftuh kollu. Ma kien hemm xejn li jzomm lil dan il-kelb kbir milli johrog barra u jattakka persuni kif gara f' dan il-kaz.

Din l-imputazzjoni  giet ipprovata u l-imputat huwa hati taht l-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fit-tieni imputazzjoni, l-imputat huwa mixli li meta kellu  kelb taht il-kontroll tieghu halla  lil dan il-kelb jiggerra u meta dan il-kelb ittiehed f' xi triq ma kienx mizmum b' cinga u dan bi ksur tal-artikolu 3(1) tal-S.L. 312.

Illi mill-provi jirrizulta li l-vittma giet attakata mill-kelb fuq bankina pubblika, post pubbliku u li kienet barra l-bieb tal-garaxx.  Kieku l-kelb kien mizmum b' cinga ma kienx jigri dak li gara Din l-imputazzjoni giet ukoll ipprovata.

Fit-tielet imputazzjoni, l-imputat gie mixli  li bhala sid jew detentur ta' klieb li kien ta' perikolu ghan-nies, naqas li jzzomm il-kelb taht kontroll u dan bi ksur tal-artikolu 14 tal-Kap. 312 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi.

> "14.(1) Meta xi sid jew detentur ta' kelb li jkun ta' perikolu għan-nies, jonqos li jżomm il-kelb taħt kontroll, dan ikun ħati ta'reat u jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) u l-qorti għandha tordna lill-Pulizija li tiddistruġġi l-kelb għas-spejjeż ta' sidu jew tad-detentur tiegħu minkejja li l-kelb jista' jkollu sid jew detentur ġdid.
>
> (2) Ma jkunx meħtieġ għall-prosekuzzjoni biex tipprova li s-sid jew id-detentur kien jaf li l-kelb kien perikoluż biex il-qorti tordnali jiġi distrutt il-kelb kif provdut fis-subartikolu (1).
>
> (3) Jekk il-persuna akkużata kif provdut fis-subartikolu (1)tkun għal xi raġuni meħlusa mill-akkuża, il-qorti għandha, xorta waħda, jekk tkun sodisfatta li l-kelb hu perikoluż, tordna li dan jiġidistrutt.
>
> (4) Kelb li jkun gidem jew ħabat għal xi persuna jitqies li hu perikoluż, kemm-il darba ma jiġix pruvat kuntrarja."

Fil-kaz inezami gie ipprovat li l-kelb gidem u habat lil persuna lesa u ghalhekk skont l-artikolu 14 (4) huwa presunt li huwa perikoluz. Minhabba l-aggresivita tieghu li baqghet tippersisti anke' wara waslu l-impjegati tal-animal welfare wara 13:00 il-kelb traqqad meta twassal fl-isptar tal-annimali.

L-imputat jinstab hati anki' fuq it-tielet imputazzjoni.

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli relevanti għal każ,i l-artikoli 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 2, artikolu 3, L-artikolu 14 tal-Kap. 312 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3(1) tal-S.L. 312.01, artikolu 7 tal-S.L.312.01 qed issib lil imputat **Adrian Baldacchino** hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u qed tikkundannah.

In kwantu ghall-ewwel imputazzjoni tikkundannah ghal multa ta' mitt ewro (100).

In kwantu ghat-tieni imputazzjoni tikkundannah ghal ammenda ta' tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) a tenur tal-artikoli 7(1)(b) tal-L.S 312.01.

In kwantu ghat-tielet imputazzjoni tikkundannah ghal ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) a tenur tal-artikolu 14 (1) tal-Kap. 312 tal-Ligijiet ta' Malta.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**